# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 33

Data tal-laqgħa: 1 ta' Frar, 2017

*Il- Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 1 ta' Frar 2017 fis-6.10p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Skużat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 p.m. billi ntqalet it-talba.

**33/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**33/01/01** Ma kienx hemm.

**33/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 32**

**33/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**33/02/02** **Para 32/02/03:** Il-bozza ġet imqabda imma mhux qed tixgħel.

**33/02/03** **Para 32/02/05:** Il-*crash barrier* li tlabna lil TM għal Triq Santa Katerina ghadha saritx.

**33/02/04** **Para 32/02/06:** Il-*yellow line* fi Triq Ferdinand k/m Triq il-Ġnien sar.

**33/02/05** **Para 32/02/07:** Il-Kunsill qed isegwi ma' TM fuq ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza. Barra minn hekk dalwaqt ħa jibda x-xogħol sabiex issir il-bankina.

**33/02/06** **Para 32/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv iċċekkjat mal-Kappillan u sal-lum min-naħa tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni għadhom ma ġeddux il-kera. Nhar il-15 ta' Frar 2017 ħa ssir

laqgħa flimkien mal-Kap tal-iskola.

**33/02/07** **Para 32/02/09:** Fuq il-proposta tal-ġnien żgħir ħdejn is-Searchlight Battery mixjin.

**33/02/08** **Para 32/02/12:** Il-kaxxa safra fi Triq San Ġwann ħdejn l-Sprayer tneħħit.

**33/02/09** **Para 32/02/14:** Ir-*refreshing* tal-*markings* ta' Triq F. Zarb kif ukoll il-*yellow line* fi Triq l-Isqof Gargallo saru.

**33/02/10** **Para 32/02/15:** It-*tender for embellishment works and installation of environmentally friendly playing field equipment at Ġnien ta' Żagħruna* ħa jiġi fformulat fil-ġranet li ġejjin.

**33/02/11** **Para 32/02/17:** Is-Sindku ħa jikteb lill-Ministru fuq diversi punti relatati mal-ATM u li ħa jolqtu direttament kemm il-Kunsill Lokali Għargħur kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Il-Kunsillier Christopher Fenech issuġġerixxa li fejn ġie s-saqaf tal-ATM jitella' ħajt jew isir xi ħadid pulit sabiex il-post ikun sikur għat-tfal.

**33/02/12** **Para 32/02/18:** Il-fjuri fi Triq Stiefnu Zerafa li ħa jsiru mill-E.L.C għadhom pendenti.

**33/02/13** **Para 32/02/19:** Il- Foreman tad-Direttorat tat-toroq għadu ma bagħatx risposta fuq il-laqgħa sabiex isir culvert fi Sqaq il-Ħofra u ieħor fi Triq San Nikola.

**33/02/14** **Para 32/02/20:** Il-Ministru għadu ma bagħatx risposta fuq xix ser ikun jikkonsisti il-proġett tal-għaqda ta' B'Kara St. Joseph rigward il-ground ta' Xwieki.

**33/02/15** **Para 32/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-proċess mal-Street Naming Committee miexi.

**33/02/16** **Para 32/06/01:** Sid id-dar li toqgħod ġwwa l-Sqaq fi Triq Karmnu Zarb neħħiet il-qsari.

**33/02/17** **Para 32/06/02:** Fuq l-ilment li l-bankina ta' Triq Stiefnu Zerafa ġejja għal ponta, il-Kunsill kien qabel li niżbgħu l-kurduna, ix-xogħol sar.

**33/02/18** **Para 32/06/03:** Is-*site-visit* fuq it-talba li titbaxxa parti mill-bankina fit-Triq Excelsior saret u t-talba ntlaqgħet.

**33/02/19** **Para 32/06/04:** Is-Sur Mario Gauci talab li l-*bus-bay* fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu jitla' iktar 'il fuq filwaqt li jitneħħa l- *bus-bay* ta' Triq San Bartilmew u minflok tiġi *bus-stop*. Is-Sindku għandu jikteb lil TM.

**33/02/20** **Para 32/06/05:** Fuq l-istima għal tabelli ġodda ta' zebra crossing fi Triq San Ġwann, il-Kunsill qabel li l-istima għalja u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekkja kemm kienet ġiet tiswa z- zebra crossing ta' Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu.

**33/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**33/03/01** Fuq l-Aġġidukazzjoni ta' Tender T-01/16-24 *Street sweeping and cleaning for the Ħal Għargħur Local Council*, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lill-

Christopher Bezzina peress li kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

**33/03/02** Ġew approvati l-*Unaudited Financial Statements* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016.

**33/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**33/04/01** Ma kienx hemm.

**33/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**33/05/01** Fuq it-talba li titbaxxa parti mill-bankina u tiġi qisha rampa fi Triq Excelsior – Il-Kunsill qabel li għandha ssir.

**33/05/02** Is-Sur John Borg talab li quddiem il-Ħanut 'The Village Store' isir *Reserved Parking* - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**33/05/03** Is-Sinj. Ritienne talbet li jonqos id-*double yellow line* li sar fi Triq il-Qiegħed għax intilfu żewġ *parking spaces* – Kien hemm qbil unanimu.

**33/05/04** Is-Sur Nicky Xuereb qed jitlob li jiżdiedu l-*parking spaces* fi Triq Caravaggio - Il-Kunsill qabel li dan mhux possibbli.

**33/05/05** Daħal ilment li t-tabella li hemm ħdejn l-Orange Tree qed tfixkel lin-nies - Kien hemm qbil unanimu li tinxtara tabella No U-Turn.

**33/05/06** Is-Sinj. S. Muscat qed tilmenta li ma tkunx tista' tidħol fil-garaxx u tixtieq li quddiem ir-residenza tagħha nagħmlu *double yellow line* jew parking ta' mutur - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**33/05/07** Talba biex jitwal id-*double yellow line* li hemm fi Triq l-Indipendenza n-naħa ta' Da Nino għax meta jipparkjaw faċċata tal-garaxx ma jkunux jistgħu joħorġu minnu - Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit.*

**33/05/08** Talba għal *double yellow line* fi Triq l-Indipendenza għaliex il-karozzi qed jipparkjaw fil-kantuniera - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**33/05/09** Il-Kunsill innota l-ilmenti tas-Sur Nigel Camilleri fuq il-problemi tal-ipparkjar.

**33/05/10** Is-Sur Mario Gauci ressaq li nġibu stima sabiex Triq Fra D. Mifsud isir bil-kaxxi tal-parkeġġ - Kien hemm qbil unanimu li nigbu stima minnghand Signmark ghal dan ix-xoghol.

**33/05/11** Fuq it-talba tal-Kappillan li jitneħħew it-tabelli u l-fanali minn mad-dawra tal-knisja – Il-Kunsill qabel li t-tabelli jiġu fuq *poles* filwaqt li ninfurmaw lill- Kappillan sabiex jagħmel kuntatt mal-ENEMALTA rigward il-linja tad-dawl.

**33/05/12** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jinbidlu dawn it-tabelli: Tabella tal-Emerġenza (112); Tabella li t-tfal għandhom ikunu akkumpanjati mill-ġenituri; l-isem ta' Triq Għar San

Brinkat; Tabella Madliena, Baħar iċ-Ċagħak, Għargħur; Tabella ta' *Sleeping police* kif ukoll ta' *roundabout* - Kien hemm qbil unanimu.

**33/05/13** Is-Sur Mario Gauci talab li tissewwa l-*crash barrier* li hemm fi niżla ta' Għar San Brinkat – Il-Kunsill qabel li nġibu stima mill-Koptasin.

**33/06** **Korrispondenza**

**33/06/01** Il-Kunsill innota korrispondenza mis-Sur Jeffrey Ellul fuq in-Numerar ta' Toroq f'Ħal Għargħur.

**33/06/02** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 3/2017 – Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Twaqqif tad-Diviżjoni għall- Gvern Lokali u Nomenklatura ġdida għad- Direttur (Gvern Lokali).

**33/06/03** Il-Kunsill innota korrispondenza fuq l-allokazzjoni tal-kunsilli lokali.

**33/06/04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Dr Marc Sant fuq fondi rigward toroq rurali.

**33/06/05** Il-Kunsill innota korrispondenza rigward *Call for project proposals under the Asylum, Migration and integration fund.*

**33/06/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**33/06/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Jeffrey Ellul fuq il-proċedura sabiex jinbidel isem ta' triq.

**33/06/08** Il-Kunsill innota korrispondenza mis-Sinj. Marie Briguglio – *Carcade every Tuesday morning.*

**33/06/09** Ġiet innutata Invoice No 0309 (Signmark Ltd). Il-Kunsill lest li jħallas €70 għal-linja bajda li kienet saret fit-Triq l-Oratorju.

**33/06/10** Il-Kunsill ressaq kopja tal-ittra li ntbagħtet lis-Sinj. C. Hintner.

**33/06/11** Il-Kunsill innota korrispondenza mis-Sinj. Marie Briguglio – *Ferdinand Street Dangers.*

**33/06/12** Ġiet innutata Ċirkulari AKL Ċirk 10/2017 – Skema ta' attivitajiet kulturali.

**33/06/13** Ġiet innutata Direttiva 1/2017 – Accounting Treatment ta' Assi Fissi

**33/06/14** Il-Kunsill innota korrispondenza mis-Sinj. Mary Muscat – Għeluq tas-Sena Finanzjarja.

**33/06/15** Il-Kunsill irċieva r-*Revised coop agreement as amended and approved by DLG.*

**33/06/16** Ġiet innutata korrispondenza fuq PA 03592/16 Facility for the care of the Elderly and Nursing home, In-Naxxar.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**33/06/17** Il-Kunsill innota korrispondenza fuq billboards.

**33/06/18** Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Mark Webb – Access to Property. Ġie deċiż li s-Sur Webb għandu jinforma lill-Pulizija.

**33/06/19** Il-Kunsill innota l-viżwal tal-Kappella ta' San Nikola li fassal is-Sur Joseph Camilleri.

**33/06/20** Ġiet innutata korrispondenza fuq 1st Draft EPS-PA 03592/16 (EA00024/16).

**33/06/21** Kien hemm qbil unanimu li jinxtraw 4 siġġijiet mingħand l-Invicta.

**33/06/22** Il-Kunsill innota korrispondenza mis-Sur N. Aquilina mill-Uffiċċju tal-Ombudsman. Il-Kunsill jaqbel perfettament li r-residenta għandha tinforma lill-Pulizija.

**33/06/23** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Pio Farrugia rigward il-*Performance Bonus* tas-Sinjura Louise Gusman. Deċiżjoni Kunsill Lokali Ħal Għargħur:

Il-Kunsill prezenti nnota li r-rakkomandazzjoni sabiex is-Sinjura Louise Gusman ma titħallasx Performance Bonus li kien għamel il-Kunsill Lokali preċedenti kienet ġiet approvata b'vot unanimu mill-Kunsill u din kienet ukoll intlaqgħet mill-Ministru għall-Gvern Lokali ta' dak iż-żmien.

Il-ħlas tal-Performance Bonus kien inżamm mill-Kunsill peress li s-Sinjura Louise Gusman kienet naqset fid-dmirijiet tagħha kif spjegat fil-Mozzjoni li kienet tressqet u approvata unanimament mill-Kunsill preċedenti. Il-Kunsill iħoss li l-Performance Bonus għandu jitħallas biss bħala rikonoxximent tal-Performance tajba li tkun twettqet.

Ġie għalhekk deċiż li rigward il-ħlas tal-Performance Bonus lis-Sinjura Louise Gusman, il-Kunsill Lokali jaqbel unanimament mad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill preċedenti. Il-ħlas tal-Performance Bonus lis-Sinjura Louise Gusman mhux gustifikat u għalhekk il-Kunsill mhux lest li japprova li jsir dan il-ħlas.

**33/06/24** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir oġġezzjoni fuq PA00124/17; PA/00020/17; PA/07944/16 u PA/07822/16.

**33/06/25** Il-Kunsill innota Ċirkulari AKL 11/2017 – Maintenance of Playing Fields.

**33/06/26** Il-Kunsill irċieva mingħand Ellis McCullough – Environmental Impact Assessment for Construction of an aging residence at Naxxar (PA 03592/16). Ġie deċiż li għandna nġibu stima mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex jifformula risposta.

**33/06/27** Il-Kunsill innota Ċirkulari AKL 12/2017 – Stedina għall-dibattitu mas-Sindku u l-Kunsilliera.

**33/06/28** Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni mis-Smart Light Systems.

**33/06/29** Ġiet innutata korrispondenza fuq l-Iskema Irrestawra Darek.

**33/06/30** Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni mill-M Quip Co Ltd – Repairs at Ġnien il-Paċi. Is-Sindku għandu jġib iktar stimi għax il-prezz għoli.

**33/06/31** Ġiet innutata korrispondenza mill-Kappillan Dun C. Galea – Purċissjoni tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa.

**33/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**33/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Ġie deċiż li jiġu approvati wkoll il-ħlas għar-reklam fil-kalendarju tal-Għaqda ta' Nar u reklam fil-fuljett tal-Kumitat Festi tal-Ġimgħa l-Kbira.

**33/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**33/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 1 ta' Marzu 2017 fis-6:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**